MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-25 ta' April, 2005

Talba Numru. 2040/2003

**Eric u Helen konjugi Schembri**

**Vs**

**Mirage Holdings Limited –
numru ta' registrazzjoni C6808**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li bih l-atturi talbu li s-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' tmien mija w erbgha w erbghin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm844.80c) rapprezentanti hlas ta' *premium* fuq *health insurance policy* mal-BUPA li s-socjeta' konvenuta kienet obbligat ruhha li thallas skond kuntratt datat 9 t'Awissu, 1989 u baqghet ma hallsitx.

Ra r-Risposta li fiha s-socjeta' konvenuta tghid illi l-obbligu tal-hlas tal-BUPA Health Insurance Policy jigi tterminat meta l-obbligi kollha taht l-istess kuntratt da parti tas-socjeta' konvenuta jkunu gew imhallsa u tterminati.

Minghajr pregudizzju f'kaz li ma tigix milqugha l-ewwel eccezzjoni s-socjeta' konvenuta ghandha tibqa' thallas il-*premium* tal-BUPA *Group 384* li kien jithallas qabel, sakemm dan l-obbligu kien jezisti.

Ikkunsidra illi skond il-ftehim datat 9 t'Awissu, 1989:

*"TRANSFEREE (s-socjeta' konvenuta) binds himself in favour of TRANSFEROR (l-atturi) to continue the payment of the premium in respect with existing life policy 3507160 (Eagle Star) and the BUPA Health Scheme for the benefit of TRANSFEROR and his wife and dependants."*

Is-socjeta' konvenuta tissottometti li dan l-obbligu ghandu jigi tterminat billi l-obbligi kollha taht l-istess kuntratt gew itterminati.

L-atturi jikkontendu li skond il-kuntratt u skond l-intenzjoni tal-partijiet dan l-obbligu jibqa' sejjer a favur l-atturi matul hajjithom.

Is-socjeta' konvenuta tghid ukoll li *se mai* l-obbligu ta' l-istess socjeta' kienet li thallas il-*premium* u mhux li thallas lill-atturi ammont li huma kienu diga' hallsu lill-BUPA.

L-atturi rrispondew li billi s-socjeta' konvenuta ma hallsitx dak li kellha thallas huma kellhom ihallsu l-*premium* sabiex jassiguraw illi l-polza ma tiskadix u b'hekk imminimizaw id-danni li eventwalment kellhom jigu mhallsin mis-socjeta' konvenuta.
**Baudry Lacantinerie – Delle Obbligazioni Vol. 1. pagina 4** jghid:

*"Una convenzione e' il risultato dell'accordo di due o piu persone che s'intendono per costituire tra di esse una obbligazione o per estinguere o modificare un'obbligazione preesistente."*

A **pagina 393** ikompli:

*"Le convenzione legalmente formate tengono luogo di legge per colore che le hanno fatte. Cio significa che le convenzjoni hanno, in massima, relativamente alle parti, la forza stessa della legge. In altri termini, le parti sono vincolate col lore consenso cosi' rigorosamente come sarebbereo per la volonta' stessa del legislatore. …i tribunali dunque non possano, invocando una ragione di equita' rifiutarsi di far eseguire una convenzione…Dal momento che i tribunali sono incaricati di assicurare l'esecuzione delle convenzioni, essi hanno la facolta' di determinare la loro natura e la loro portata, in breve, di interpretarle."*

A **pagina 395**:

*"Lo stesso principo conduce pure alla conseguenza che spetta ai tribunali di pronunciarsi sul punto, se le convenzioni siano state gia' eseguite, e, in caso affermativo, se la loro esecuzione sia stata integrale."*

A **pagina 399**:

*"Esse (le convenzioni) non possono esser revocate se non per loro mutuo consenso (cioe' col consenso mutuo delle parti) o per le cause che la legge autorizza. Se, infatti, ciascuno dei contraenti potesse, senza l'adesione dell'altro, annullare la convenzione, non sarebbe vero che questa ha forza legale riguardo alle parti."*

U a **pagina 402**:

*"Esse (le convenzioni) debono essere eseguite in buona fede…cioe conforme all'intenzione delle parti ed allo scopo ch'esse si sono proposte contrattando…le convenzioni obbligano non soltanto a cio' che vi e' espresso, ma anche a tutte le conseguenze che l'equita', l'uso o la legge danno all'obbligazione secondo la sua natura."*

Ikkunsidra li m'hemm xejn x'jindika li l-partijiet riedu li l-obbligazzjoni tas-socjeta' konvenuta tieqaf meta l-obbligazzjonijiet l-ohra fl-istess kuntratt jigu tterminati.

Kieku l-partijiet riedu li l-obbligazzjoni tal-hlas ghandu jieqaf kienu jinkludu klawsola f'dan is-sens. *(… i tribunali dunque non possano, invocando una ragione di equita' rifiutarsi di far eseguire una convenzione…)*. Illi fil-kuntratt datat 9 t'Awissu, 1989 meta l-partijiet riedu jistipulaw terminu ghal xi obbligu ghamlu dan **(**Ara l-**Artikolu 11(a))**.

Illi s-socjeta' konvenuta tissottometti li skond l-istess kuntratt l-obbligu tas-socjeta' konvenuta kien li thallas hi l-ammont lill-BUPA u ghalhekk l-attur ma jistax ihallas u jippretendi rifuzjoni.

Bhala fatt jirrizulta li l-attur kien qieghed jistenna xi konferma minghand il-BUPA dwar l-assigurazzjoni. Illi l-attur kellem lid-direttur tas-socjeta' konvenuta li tah x'jifhem li l-obbligu tas-socjeta' konvenuta ma kienx ghal dejjem. L-attur ghazel biex ikun protett li jhallas l-ammont hu. Illi bhala fatt jirrizulta izda li l-BUPA kellhom sistema li jhallu lis-socjeta' konvenuta thallas wara certu zmien u bhala fatt l-attur, martu u d-*dependants* ma kienux f'ebda hin esposti minhabba nuqqas ta' hlas min-naha tas-socjeta' konvenuta.

Fir-Risposta s-socjeta' konvenuta qieghda tghid li l-obbligu li thallas hi gie tterminat. Fl-istess hin, fit-trattazzjoni, s-socjeta' konvenuta qieghda tghid li billi l-attur qatt ma kien skopert hu ma kellux id-dritt li jhallas.

Illi dan it-Tribunal jikkonkludi kif gej:

a. M'hemmx provi sufficjenti li l-partijiet qablu li l-obbligu tal-hlas tal-*premium* kellu jigi tterminat kif allegat fir-Risposta tas-socjeta' konvenuta.

b. Is-socjeta' konvenuta kellha d-dover li tkompli thallas il-*premium* tal-BUPA Health Scheme ghall-attur, martu u d-*dependants*.

c. Illi huwa ragunevoli li wara li kellem lid-direttur tas-socjeta' konvenuta, l-attur agixxa b'mod li jissalvagwardja d-drittijiet tieghu.

d. Il-fatt li l-BUPA Insurance qatt ma kkunsidraw lill-attur, martu u d-*dependants* bhala mhux assigurati ma jfissirx li l-attur agixxa b’mod irrisponsabbli.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jichad ir-Risposta tas-socjeta’ konvenuta, jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lill-atturi l-ammont ta’ tmien mija w erbgha w erbghin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm844.80c) bl-imghax mid-data tan-notifika ta’ l-Avviz (22 t’Ottubru, 2003) u bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------